MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 1215/1997/1

Dr. Anthony Abela Medici
vs
Kummissarju tal-Pulizija u Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikorsipprezentat fl-1 ta' Dicembru 1997 fejn wara li r-rikorrent ippremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1990 sal 1997, huwa sofra ingustizzja f'eskluzzjoni tieghu minn promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej: Ghalkemm hu l-iktar anzjan b'salarju scale 4 u l-iktar wiehed kwalifikat huwa gie eskluz milli jigi maghzul ghal hatra f'salary scale 3 u gie eskluz mill-ghoti ta' Performance agreement.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghatawlu l-hatriet/promozzjonijiet li kien intitolat ghalihom jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta’ l-intimati fejn wiegbu illi:

Illi s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex il-legittimu kontradittur ghal dan l-ilment stante li hatriet ta’ Diretturi Generali jsiru mill-Prim Ministru wara li jkun ikkonsulta ruhu mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru ghandu xi jghid is-segwenti:

1. Illi r-rikorrent jokkupa l-posizzjoni ta’***Director, Forensic Science Labratory with Salary Scale 4*** fuq bazi personali. Billi dan il-post huwa klassifikat bhala dak ta’ Direttur/Kap ta’ Sezzjoni u mhux ta’ Dipartiment il-***performance agreement*** ma japplikax.

2. Illi l-post ta’ Director Forensic Science Laboratory huwa post uniku u ma jaghmilx parti minn struttura. Ir-rikorrent li jokkupa dan il-post kien u ghadu specifikatament mahtur ***Director, Forensic Laboratory*** u mhux ***Officer in Grade 4.*** Il-kwistjoni ta’ l-anzjanita’ ghaldaqstant ma tidholx. Xorta wahda jista japplika biex jigi kkunsidrat ghal xi post ta’ Direttur Generali.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandu jinghad li l-hatriet ghal Direttur Generali huma specifikatament regolati mill-Art 92(4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta liema Artiklu ma jipprovdix li tali hatriet ghandhom jinghataw skond l-anzjanita' li ghalkemm tinghata l-konsiderazzjonijiet li jixirqilha, mhix il-kriterju determinanti li fuqu ssir l-ghazla ghall-Direttur generali.

4. Illi kull applikazzjoni tigi kkonsidrata fid-dawl tal-kriterju normalment uzati u cioe' fl-anzjanita' fil-grad, kwalifiki, esperjenza, ***track record*** u merti ohra personali li jindikaw lill-applikant bhala l-persuna idoneja biex timla xi posizzjoni partikolari.

5. Ghaldaqstant l-esponenti talbu lil dan it-Tribunal joghgbu ma jilqa it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qieghed jilmenta illi huwa gie eskluz minn promozzjoni minn skala 4 ghal skala 3 u gie eskluz ukoll mill-ghoti ta' "Performance Agreement".

Irrizulta mill-provi li r-rikorrent gie mahtur "Professional Officer III" fi skala tas-salarju numru 7 fit-22 ta' Mejju 1981. Wara ftit gie moghti t-titlu ta' "Principal of the Forensic Science Laboratory". Fi Frar 1990 inhatar Direttur tal-"Forensic Science Laboratory" bi skala numru 5 u wara r-riforma ta' l-1991 gie moghti skala numru 4 "on a personal basis". Fl-24 ta' Novembru 1992 applika ghal grad ta' Direttur Generali fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, Home Affairs u l-Qorti izda lanqas ma gie mitlub illi jattendi ghal interview. L-istess fi Frar 1996 applika ghal grad ta' Direttur Generali Qorti, sar interview izda ma giex maghzul u l-post inghata lil Paul Mifsud. Ir-rikorrent

jilmenta illi huwa kien l-aktar wiehed anzjan, ikkwalifikat, bl-esperjenza, bit-track record impekkabli u ma kien hemm l-ebda raguni il-ghala ma kellux jottjeni l-grad ta' Direttur Generali. Ilmenta li ma nghatax il-"Performance Agreement" ghad li jirikonoxxi li mhuwiex Kap tad-Dipartiment izda Kap ta' Sezzjoni. Mistoqsi min kienu l-Kapijiet ta' Sezzjoni li qeghdin fi grad 4 u ghanhom "Performance Agreement" ir-rikorrent semma lill-Assistenti Kummissarji u s-Superintendenti.

Ghall-intimat xehed Spiridione Giorgio li huwa d-Direttur Human Resources fil-Management & Personnel Office fejn a fol 15 jikkonferma li r-rikorrent huwa Direttur tal-"Forensic Science Laboratory." Din il-pozizzjoni mhijiex ikkunsidrata bhala Headship u ghalhekk ma jikkwalifikax biex jinghata "Performance Contract". Semma "Policy Document" li tistabilixxi l-kriterji tal-ufficcjali li jigu moghtija "Performance Contract". Dan il-"Policy Document" baqa' mhux esebit fil-process.

Ikkunsidra

Jibda biex jinghad illi skond l-Artikolu V (4) ta' l-Att VII tal-1997 it-Tribunal hu prekluz milli jikkonsidra xi att jew omissjoni li tkun grat wara l-15 ta' Mejju 1995. Ghalhekk ma jistax jevalwa l-process ta' l-ghazla illi saret mill-Gvern ghan-nomina tad-Direttur Generali ghall-Qorti fi Frar 1996 peress illi din saret fuori termine tal-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal. Pero, ghandu diffukulta jevalwa l-process illi sar f'Novembru 1992.

Irrizulta mill-provi li r-rikorrent applika ghal grad ta' Direttur Generali u rcieva ackowlegment ta' l-applikazzjoni tieghu. Jghid biss illi huwa ma giex maghzul izda ma rrizultax mill-atti il-ghala ma giex maghzul avolja t-Tribunal jirealizza li l-ghazla tkun saret direttament mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku li ghandha tagixxi skond l-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni. Ma rrizultax perezempju min kienu li applikaw, xi kwalifiki kellhom, x'anzjanita kellhom u kif setghu jikkomparaw mas-servizz, l-efficjena u l-anzjanita tar-rikorrent. Veru illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi dak iz-zminijiet kien jidher li

qeda ssir kampanja sistematika kontra r-rikorrent biex jigi mfixkel fix-xoghol tieghu, xoghol li dejjem wettaq bl-efficjenza u bl-onesta u integrita kollha. Madankollu u ghal xi raguni kif tajjeb spjega r-rikorrent fin-nota tieghu kien qed jigi ostakolat f'kull mossa li kien qieghed jaghmel anki biex jattendi seminar fl-Istati Uniti fejn gie deciz li tintbaghat persuna li ma kelliex l-esperjenza u lanqas il-kwalifiki tar-rikorrent. Madankollu dejjem qeda dmiru bl-aktar mod efficjenti u onest kif jixhdu l-kawzi kollha li huwa ta kontribut taghhom quddiem il-Qorti.

Ghalhekk fin-nuqqas ta' provi t-Tribunal mhuwiex fil-qada li jiddeciedi jekk l-ghazla saret tad-Direttur Generali f'Novembru 1992 kinitx wahda gusta jew le u sa fejn ir-rikorrent seta' kien pregudikat.

Ghal dak li jirrigwarda l-ghoti tal-"Performance Agreement", ir-rikorrent semma li fi skala 4 hemm is-Superintendenti u l-Assistenti Kummissarji. It-Tribunal pero ma jidhirlux illi dan il-grad jinkombi fuqu wkoll il-"Performance Contract". Dan jinghata lid-Diretturi Generali mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, kif xehed Spiridione Giorgio fil-grad illi jokkupa r-rikorrent ma jinghatawx "Performance Contract". Ma jirrizultawx mill-atti li kien hemm persuni ohra fl-istess grad bhar-rikorrent illi fil-fatt inghataw "performance contract". Dan ukoll ghaliex bhala Direttur tal-Forensic Science Laboratory, ir-rikorrent mhuwiex ikkunsidrat bhala Kap tad-Dipartiment. Fil-fatt ir-rikorrent jokkupa l-ghola kariga li possibilment wiehed jista' jilhaq f'dik is-sezzjoni li hija sezzjoni unika u specjalizzata fis-servizz civili.

Ghal bqija kif diga inghad minkejja l-anzjanita, l-kwalifiki u t-track record eccellenti tar-rikorrent, it-Tribunal ihoss li ma jistax jilqa' t-talba tieghu ghal rigress ghal nuqqas ta' ghoti ta' promozzjoni fl-1992 minhabba nuqqas ta' provi. Wkoll, bhala Direttur ta' FSL ma jikkwalifikax ghall-ghoti ta' "Performance Contract".

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------